ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT67/23/DS

Christabel Galea

Vs

Conrad Axisa.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-24 ta' April 2023 fejn talbet l-intimat riżarċiment ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) f'danni minħabba illi l-intimat naqas milli jipprovdi lill-attriċi bir-ritratti u l-*albums* tat-tieġ minkejja li kien tħallas kważi l-ammont kollu biex jagħmel dan;

Ra illi l-intimat debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolax risposta u għal din ir-raġuni ġie meqjus kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attriċi preżentat il-pużizzjoni tagħha;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tal-attriċi, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat d-dettalji dwar it-talba tagħha taħt ġurament. Ġaladarba l-intimat la għamel risposta u lanqas preżenta ruħu sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata minn evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti ġraw hekk kif ġie konfermat taħt ġurament.

Illi mill-atti jirriżulta illi l-attriċi ħallset għas-servizzi ta' teħid ta' ritratti, *video* tat-tieġ u *albums* tat-tieġ fost affarijiet oħra elenkati fil-*quotes* preżentati minnha. Kien hemm *quote* fl-14 ta' Novembru, 2019 għall-ammont (eskluż VAT) ta' elfejn sitt mija disgħa u sebgħin Ewro (€2,679) li fuqhom tħallas depożitu fit-2 ta' Dicembru, 2019 ta' sitt mija u sebgħin Ewro (€670) hekk kif ukoll ikkonfermat fil-kuntratt datat 28 ta' Mejju, 2022, li ħalla bilanċ ta' elfejn u disa' Ewro (€2009). Kien hemm *downpayment* ieħor fit-30 ta' Mejju, 2022 fl-ammont ta' elf ħames mija u sittin Ewro (€1560) li ħalla bilanċ ta' erba' mija u disa' u erbgħin Ewro (€449) u pagament ieħor immarkat bħala *video collection* li kien jammonta għal tlett mitt Ewro (€300). Dan ħalla bilanċ finali ta' mija disa' u erbgħin Ewro (€149). Għal finijiet ta' din is-sentenza mhux ser jiġi kkunsidrat il-VAT stante illi l-attriċi mhux kontradetta qalet illi l-ftehim kien illi hija ma tħallasx l-ammont tal-VAT. Dan mingħajr ma jiġi mifhum illi dan il-ħlas mhux finalment xorta dovut lill-Gvern ta' Malta.

Huwa ċar illi l-attriċi mis-servizzi li ħallset għalihom l-uniċi żewġ affarijiet illi ma ħaditx kienu r-ritratti meħuda minn Stephen Psaila, u l-albums tat-tieġ. Għal din ir-raġuni dan it-Tribunal għamel eżerċiżżju sabiex jara jekk jistgħax jasal għall-ammont tas-serviżż li ma ngħatax. F'dawn il-kunsiderazzjonijet ħa konjizzjoni tal-fatt illi fid-19 ta' Jannar, 2023 ġew imħallsa tlett mitt Ewro (€300) għall-ġbir tal-video li kien imniżżel bħala li kien jifforma parti mis-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2300) fil-Quote datata 14 ta' Novembru, 2019. Għaldaqstant l-ammont ta' elfejn Ewro €2,000) kien propju għar-ritratti, albums tat-tieġ u CD bir-ritratti kollha kif ukoll Private Website Gallary. Meta wieħed jikkunsidra illi minn dan kollu l-attriċi ingħatat porżjoni mir-ritratti, dan it-Tribunal jħoss illi l-attriċi użufruixxiet biss minn servizzi fl-ammont ta' seba' mitt Ewro (€700) u cioe tas-servizz ta' Josmar Muscat, wieħed mill-fotografi li tiegħu irċeviet ir-ritratti.

Huwa ċar ukoll illi l-video tat-tieġ ingħata lill-attriċi, li tiegħu kienet ħallset biex irtiratu (€300) u s-servizz tad-drone fl-ebda ħin ma ngħad illi ma ngħatax w'għaldaqstant qiegħed jiġi kkunsidrat illi l-ħlas ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€375) kienu mħallsin u dovuti.

Dan ifisser illi mill-ħlasijiet kollha magħmula li jammontaw għal elfejn ħames mija u tletin Ewro (€2,530) elf tlett mija u ħamsa u sebgħin (€1,375) biss kienu dovuti (€700+€300+€375). L-ammont ta' elf mija ħamsa u ħamsin Ewro (€1,155) kienu mħallsa pero' s-servizz baqa' ma ngħatax.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attriċi kemm -il darba provat tikkomunika mal-intimat, pero' baqgħet mingħajr dak li kienet ħallset għalieh illi wieħed ma jridx jinsa kien serviżż illi ma tistgħax terġa tmur tħallas għalieh u tieħdu għaliex huwa ammontanti f'ritratti tal-okkażjoni unika tat-tieġ tagħha u dan mhux qiegħed jgħaddi

inosservat minn dan it-tribunal fid-deċiżjoni tiegħu u ser tieħu konjizzjoni tiegħu meta talloka d-danni morali.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attriċi hija parzjalment ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi limitatament akkolta.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha sufficjentement u sal-grad rikjest mill-liġi biss parżjalment kif spjegat fil-korp tas-sentenza u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-ammont ta' elf mija ħamsa u ħamsin Ewro (€1,155).

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont ta' elf mija ħamsa u ħamsin Ewro (€1,155) lill-attriċi kif ukoll jikkundanna lill-istess intimat iħallas lill-istess attriċi danni morali għall-anzjeta' u għall-inkonvenjenza li kkawżalha. Minħabba l-fatt illi n-nuqqas tiegħu irriżulta f'dannu assolutament irrekuperabbli tordna illi dan l-ammont ikun fil-massimu possibbli bil-liġi taħt l-artikolu 21(2) tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe fl-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500).

Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru